MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2012

Numru. 213/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Joswil Galea**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joswil Galea ta’ 33 sena iben Joseph u Margaret xebba Said imwieled San Giljan nhar it-13 ta’ Awwissu 1978 u residenti (Minghajr Residenza) u detentur tal-karta tal-identita’ numru 512978(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Nhar it-Tnejn 20 ta’ Frar 2012 ghal habta tat-3.30 ta’ wara nofs inhar gewwa San Giljan ikkommetta serq ta’ diversi oggetti min ‘Scotts Supermarket’, ammont li ma

jiskorrix il-mitejn tlieta u tletin ewro (233ewro) u dan ghad-detriment tas-Sur Joseph Grech, u dan bi ksur tal-artiklu 284 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, lok u hin ingurja jew hedded jew ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. U dan bi ksur tal-artiklu 221 u 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

4. B'hekk fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini ta' artikolu 49, 50 u dan bi ksur tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Frar 2012 (esebit a fol. 3 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.
Rat is-Social Inquiry Report inserit a fol. 20 et sequitur tal-atti processwali.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-12 ta' Marzu 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u

taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri izda kkunsidrat ukoll li huwa recidiv u li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f’diversi okkazzjonijiet u m’gharafx japrofitta mill-opportunitajiet li nghata sabiex jirriforma ruhu u jehles mill-vizzji ta’ abbuz mid-droga u mill-alcohol. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li piena karcerarja tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 284, 285, 95, 221, 338(ee), 49, 50, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah erba’ (4) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------